4 ta' Frar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

John Ciancio et. *versus* Antonio Azzopardi et.

**Serq — Restituzzjoni tal-Ħaġa Elevata mill-Pulizija — Kompetenza — Art. 668 (2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Meta ħaġa tiġi elevata mill-Pulizija in konnessjoni ma' reat, sidha għandu dritt jitlob li jeħodha lura meta ma jkunx hemm aktar raġuni biex dik il-ħaġa tibqa' hekk miżmuma.*

*Iżda t-talba għar-restituzzjoni ta' dik il-ħaġa għandha ssir lill-Qorti li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha dik il-ħaġa tinsab miżmuma; salvo li, jekk ikun hemm bżonn, huwa jitlob quddiem il-Qorti kompetenti dikjarazzjoni dwar il-proprjetà tal-ħaġa miżmuma. Imma Qorti diversa minn dik li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha tinsab miżmuma l-ħaġa elevata ma tistax tordna r-restituzzjoni ta' dik il-ħaġa lil sidha.*

L-atturi fit-taħrika qalu li huma, ċirka tmien xhur ilu, xtraw makkina fotografika marka Zeiss, Ikon (4.5), bil-prezz ta' £18, u l-attur Antonio Ciancio taha lill-konvenut Antonio Azzopardi biex ibigħhielu bil-prezz ta' ċirka £29; u fuq rapport ta' kaptan tan-Navy l-makkina ġiet elevata mill-Pulizija u baqgħet sal-lum f'idejn l-istess Pulizija; u li huma rreklamaw diversi drabi, imma inutilment, ir-restituzzjoni ta' din il-makkina fotografija; u talbu li, wara li jingħataw il-provvedimenti meħtieġa u jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji, il-konvenuti fil-premessa kwalità jiġu kundannati li jirrestitwixxu fi żmien qasir u perentorju l-imsemmija makkina fotografika marka Zeiss, Ikon (4.5), u in difett jiġu kundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' £18, bil-lukri kummerċjali; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti fil-premessa kwalità;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li l-attur kien xtara minn għand terzi persuni l-makna in kwistjoni u kkonsenjaha lill-konvenut Azzopardi biex jesponiha fil-ħanut tiegħu għall-bejgħ, u Azzopardi esponiha fil-vetrina għall-bejgħ. Fuq rapport ta' ċertu Lieutenant Commander Duggan, li ppretenda li l-makna kienet tiegħu u kienet ġiet misruqa minn daru meta kien imsiefer, il-Pulizija elevat dik il-makna, u fis-6 ta' April 1945 għamlet ir-repert relattiv tagħha fil-Qorti tal-Maġistrati; u

għalhekk dik il-makna tinsab ii-lum depożitata taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Sadattant ebda proċedimenti kriminali ma ttieħdu. Duggan siefer, u l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Attorney General iddikjaraw li ebda interess ma għandhom fil-makna (fol. 31). L-istess ħaġa ddikjara l-konvenut Azzoprdi fir-risposta li għamel għar-rikors ta' l-attur, li bih dan talab lill-Qorti tal-Maġistrati r-restituzzjoni tal-makna; anzi Azzopardi ddikjara li ebda diffikultà ma jsib għar-restituzzjoni tal-makna lill-attur (fol. 32). F'dina l-kawża ebda prova ma saret li dik il-makna kienet tabilħaqq misruqa u li kienet ta' Lieutenant Commander Duggan; u għalhekk jidher li sid il-makna huwa l-attur. Għaldaqstant l-attur għandu dritt jitlob u jieħu r-restituzzjoni ta' dik il-makna (art. 668 (2) Kodiċi Kriminali);

Iżda ia darba l-makna tinsab taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, l-attur messu talab ir-restituzzjoni quddiem dik il-Qorti, u mhux quddiem din il-Qorti; salvo, jekk kieku kien hemm bżonn, id-dikjarazzjoni tal-proprjetà quddiem il-Qorti kompetenti. F'dina l-kawża ebda dikjarazzjoni simili ma ġiet mitluba. Din il-Qorti ma tistax tordna r-restituzzjoni sakemm il-makna ddum taħt l-awtorità ta' Qorti oħra. Minn dana li ntqal tinżel ukoll il-konklużjoni li l-konvenut Azzopardi ma kellu ebda responsabilità u tort; u għalhekk it-talbiet kontra tiegħu ma jistgħux jiġu milqugħa, filwaqt li t-talba għall-ħlas kontra l-Kummissarju hija intempestiva;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut Axisa nc., il-lum il-konvenut Ullo nc., in kwantu l-kawża tirrigwardah, u teħles lil-konvenut Ullo nc. mill-ħarsa tal-ġudizzju, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż u bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur; u tiċħad it-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenut Azzopardi, bl-ispejjeż kontra l-attur; salv lill-attur id-dritt li jitlob ir-restituzzjoni tal-makna quddiem il-Qorti kompetenti, u salva kull xorta ta' azzjoni oħra li, jekk u skond il-liġi, tista' tistħoqq lill-attur.